

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/183****tal-5 ta' Frar 2020****li jagħlaq l-istaġun tas-sajd għall-bakkaljaw fiż-żoni 1 u 2b tal-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' diversi Stati Membri**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd <sup>(1)</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 <sup>(2)</sup> jstabbilixxi l-kwoti għall-2020.
- (2) Skont l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, il-qabdiet tal-istokk tal-bakkaljaw li l-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' diversi Stati Membri jew irreġistrati fihom għamlu fiż-żoni 1 u 2b eżawrew il-kwota allokata għal "Stati Membri oħrajn" għall-2020.
- (3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbti ċerti attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1***Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata għall-2020 għall-Istati Membri li jistadu skont il-kwota għal "Stati Membri oħrajn" għall-istokk tal-bakkaljaw fiż-żoni 1 u 2b imsemmija fl-Anness għandha titqies li hija eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2***Projbizzjonijiet**

L-attivitajiet tas-sajd għall-istokk imsemmi fl-Artikolu 1 minn bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istati Membri li jistadu skont il-kwota għal "Stati Membri oħrajn" imsemmija f'dak l-Anness jew li huma rreġistrati fihom għandhom jiġu pprojbti mid-data stipulata f'dak l-Anness. B'mod partikulari, għandu jkun ipprojbit li jinżamm abbord il-ħut minn dak l-istokk li jinqabad minn dawk il-bastimenti wara dik id-data, jew li dan il-ħut jiġi ttrażbordat jew ittrasportat lejn pajjiż ieħor jew li jinħatt l-art minnhom.

*Artikolu 3***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Frar 2020.

*Għall-Kummissjoni*  
*F'isem il-President*  
Virginijus SINKEVIČIUS  
*Membre tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 tas-27 ta' Jannar 2020 li jstabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 25, 30.1.2020, p. 1).

## ANNEX

Numru	01/TQ/123
Stat Membru	L-Istati Membri li jistadu skont il-kwota għal "Stati Membri oħrajn"
Stokk	COD/1/2B.
Speċi	Il-bakkaljaw ( <i>Gadus morhua</i> )
Żona	1 u 2b
Data tal-għeluq	11.1.2020 fil-11.00 UTC